# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. NOEL V ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Gunju 2002**

**Numru**
**Citaz. Nru. 2161/97**

**Fogg Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Avon Insurance plc u dina kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Anne Farrugia, abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi.**

**Vs**

**Paul Zahra**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta` attrici ppremettiet:-

Illi fl-4 ta' Marzu 1996, ghall-habta tas-7.00 a.m., waqt illi Anne Farrugia, l-assigurata tas-socjeta` attrici, kienet qed issuq il-vettura tat-tip Citroen, bin-numru ta' registrazzjoni AFF 658 gewwa Triq Geronimo Abos, kantuniera ma' Triq Censu Bugeja, l-Iklin, hija kienet involuta f'kollizjoni awtomobilistika mal-vettura tat-tip Toyota, bin-numru ta' registrazzjoni L-2842(M), misjuqa mill-konvenut Paul Zahra;

Illi l-istess incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

Illi d-danni fil-vettura ta' l-imsemmija Anne Farrugia, konsegwenzjali ghal dan l-incident, jammontaw ghal elfejn tliet mija u hamsin Lira Maltin (Lm2350.00), u dan kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-istess Anne Farrugia hija assigurata mas-socjeta` attrici permezz ta' polza tat-tip *comprehensive;*

Illi s-socjeta` attrici kellha taghmel tajjeb ghad-danni kollha sofferti mill-assigurata taghha Anne Farrugia, abbazi tal-polza tat-tip

*comprehensive* u skond il-Ligi, u giet minnha debitament surrogata fid-drittijiet kollha taghha;

Illi l-konvenut, minkejja li gie interpellat biex jaghmel tajjeb ghal dawn id-danni fuq imsemmija, baqa' inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur lill-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar l-4 ta' Marzu 1996, ghall-habta tas-7.00 a.m., gewwa Triq Geronimo Abos, kantuniera ma' Triq Censu Bugeja, L-Iklin, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni L-2842(M) misjuqa mill-istess konvenut, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AFF 658 propjeta' ta' l-imsemmija Anne Farrugia, assigurata tas-socjeta` attrici;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn tliet mija u hamsin Lira Maltin (Lm 2350.00), jew somma verjuri, rapprezentanti d-danni konsegwenzjali sofferti mill-istess socjeta` attrici;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Dicembru, 1996, u wkoll ta' l-ittra ufficjali li qed tintbaghat kontestwalment ma' dan l-Att ta' Citazzjoni lis-socjeta` England Insurance Company Limited, u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali ta' Dicembru 1996, sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress li l-kollizjoni in kwistjoni ma gratx minhabba negligenza, imperizja, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenut kif allegat fic-citazzjoni, izda gara tort unikament ta' l-assigurata tas-socjeta` attrici Anne Farrugia, u dana stante illi Farrugia naqset milli tonora sinjal ta' "*Stop*" u b'hekk baqghet hierga ghal-fuq il-vettura tal-konvenut;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjrazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat il-korrezzjoni fic-citazzjoni awtorizzata bid-digriet tad-9 ta' Gunju 1998;

Rat is-Sentenza moghtija mill-Prim' Awla ta' din il-Qorti fl-4 ta' Ottubru 1999 li permezz taghha gie deciz li t-tort ta' l-incident in kwistjoni kellu jigi akkollat liz-zewg sewwieqa f'porzjonijiet indaqs, u kkundannat lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici nofs is-somma tad-

danni kollha mitluba fic-citazzjoni u cioe` is-somma ta' Lm1156.92;

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut fejn huwa wara li ppremetta li kien ihoss ruhu aggravat bis-sentenza moghtija, interpona minnha appell ghar-ragunijiet minnu spjegati:-

Illi hija regola basilari u fundamentali tal-ligi illi bla hsara ta’ kull dispozizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova ta’ fatt imiss dejjem lil min jallegah, u dan johrog bl-aktar mod car u inekwivoku mill-artikolu 562 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12);

Illi l-istess imsemmi Kodici fl-artikolu 559 jghid illi l-Qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirlha l-ahjar prova li l-parti tista’ ggib;

Illi fil-kaz odjern l-appellant bir-rispett jissottometti illi s-socjeta` appellata ma pprovatx l-allegazzjonijiet taghha u lanqas ma gabet l-ahjar prova;

Illi l-provi tas-socjeta` appellata kienu limitati ghall-kwantum tas-somma ta’ Lm2313.83 illi hija talbet fl-att tac-citazzjoni rappresentanti l-allegati hsarat kagun ta’ l-incident in kwistjoni;

Illi s-socjeta` appellata ma gabet ebda prova rigward ir-responsabbilta` ta’ l-incident u fil-fatt lanqas biss xhedet l-istess assigurata taghha li kienet qeghda ssuq il-vettura numru ta’ registrazzjoni AFF 658 meta sehh l-incident in kwistjoni u cioe` Anne Farrugia;

Illi l-unika prova illi gabet s-socjeta` appellata rigward ir-responsabbilta` ta' l-incident in kwistjoni kienet l-okkorrenza in konnessjoni mal-istess incident, pero` mhux guramentata liema okkorrenza giet pprezentata b'nota fir-Registru tal-Qorti. Illi flimkien ma' l-okkorrenza l-istess socjeta` appellata kienet ezibiet kopja ta' skizz u Road Traffic Report, liema dokumentazzjoni ma kellha x'taqsam xejn ma' l-incident in kwistjoni u ghaldaqstant l-Ewwel Onorabbli Qorti ordnat l-isfilz taghhom fis-sentenza taghha;

Illi l-appellant jissottometti bir-rispett illi l-kopja ta' l-okkorrenza ma kelliex tigi accettata bhala prova mill-Ewwel Onorabbli Qorti u dana stante li l-istess okkorrenza qatt ma giet kkonfermata bil-gurament mill-pulizija illi kienu investigaw il-kaz u ghalhekk hija ma tikkwalifikax bhala l-ahjar prova ai termini ta' l-artikolu 559 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi kienet l-Ewwel Onorabbli Qorti illi marret tigbor kopja ta' l-iskizz mill-Ghassa tal-Pulizija ta' Birkirkara stante li dak esebit mis-socjeta` appellata kien zbaljat, u dan skond kif iddikjarat l-istess l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha a fol. 4. Illi l-appellant jissottometti bir-rispett illi dan it-tieni skizz ma setghax jigi accettat bhala prova u dana stante illi ma giex esebit mis-socjeta` appellata u lanqas ma gie kkonfermat bil-gurament;

Illi mis-sentenza ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti johrog car illi l-istess Onorabbli Qorti waslet ghall-konkluzzjonijiet taghha ibbazatha

limitatament fuq l-okkorrenza u fuq l-iskizz relattivi ghall-incident in kwistjoni, u dana kif iddikjarat l-istess l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha a fol. 4. Illi l-appellant jissottometti bir-rispett illi d-dokumentazzjoni imsemmija ma tikkwalifikax bhala l-ahjar prova ai termini tal-ligi u ghaldaqstant l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setatx tistrieh limitatament fuq dawn d-dokumenti biex waslet ghall-konkluzzjonijiet taghha;

Illi l-appellant jissottometti bir-rispett illi l-ahjar prova kienet tkun ix-xhieda ta’ l-assigurata tas-socjeta` appellata u cioe` Anne Farrugia, liema prova ma ingabitx;

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appellant filwaqt illi jaghmel riferenza ghall-atti tal-kawza u filwaqt li jirriserva li jipproduci dawk il-provi kollha ammessi fil-ligi u li jaghmel dawk l-osservazzjonijiet li jidhirlu opportuni, jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata moghtija fl-4 ta’ Ottubru 1999 mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, bl-ispejjez ukoll ta’ dawn il-proceduri kontra l-appellat;

Rat ir-rikors ta' l-Appell tas-socjeta` attrici fejn peress li hi wkoll hassitha aggravata mis-sentenza msemmija ssottomettiet illi l-aggravju taghha kien car u manifest u dan peress illi:-

L-Ewwel Onorabbli Qorti rrikonoxxiet il-fatt illi Anne Farrugia ma kellhiex vizwali tajba tat-triq minhabba l-vettura parkeggjata. Irrikonoxxiet

ukoll illi l-konvenut Zahra kien kompletament fuq il-karreggata l-hazina tat-triq – fatt, illi kif irriteniet tajjeb l-Ewwel Onorabbli Qorti - jassumi aspetti aktar serji meta jsir fil-vicinanzi ta’ *junction,* bhal fil-kaz in kwistjoni. Minkejja dan, fis-Sentenza taghha, l-Ewwel Onorabbli Qorti rriteniet illi t-tort ghall-incident kellu jigi attribwit liz-zewg sewwieqa f’porzjonijiet indaqs, u dan wara peress illi kkunsidrat illi Farrugia kienet harget mill-i*Stop Sign* ghal fuq it-triq principali fejn il-konvenut kellu precedenza inkontestata;

Bl-akbar rispett lejn id-decizjoni ta’ l-Ewwel Onorabbli Qorti, il-konkluzjoni illi Farrugia kienet, fil-fatt, lahqet harget ghal fuq it-triq principali hija erronea. L-Ewwel Onorabbli Qorti qieset fis-Sentenza taghha illi l-vettura ta’ Farrugia, wara l-impatt, kienet ghadha, kwantu ghal terz minnha, ‘il gewwa mit-Triq Censu Bugeja. Meta wiehed jikkonsidra illi kien hemm vettura li kienet qed tostakola l-vista ta’ Farrugia, jirrizulta illi fil-fatt l-istess Farrugia kienet harget biss id-distanza rikjesta sabiex teghleb tali ostakolu u tkun tista’ tivverifika l-andament tat-traffiku fit-triq principali. F’cirkostanzi meta l-pozizzjoni pjuttost skorretta ta’ xufier tkun rizultat ta’ vetturi pparkeggjati b’mod illegali jew inkonsult, il-Qrati taghna jirritjenu illi l-istess xufier ma ghandux jinzamm responsabbli (ara Charles Bordieri vs Raymond Debattista - PA 3/6/1994 per FGC; Dr. Louis Bianchi noe vs Roberta Patiniott - Appell Civili 17/10/1997);

Ghalhekk, meta wiehed iqis illi l-assigurata ta’ l-appellanti, f’cirkostanza ta’ vettura parkeggjata illegalment li kienet tostakolalha l-vista, lahqet emergiet biss b’distanza li kienet tippermettilha illi tivverifika l-andament tat-traffiku, u meta wiehed iqis ukoll illi Paul Zahra kien qed jeffettwa manuvra ta’ sorpass, b’mod inkonsult fil-vicinanza ta’ *junction* b’mod li gie kompletament *wrong side,* isib illi r-responsabilita` ghall-akkadut ghandha tinkombi fuq l-istess Zahra;

Ghaldaqstant, l-appellanti, filwaqt illi ggib dak kollu fuq premess ghall-attenzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti u taghmel referenza ghall-atti kollha tal-kawza u ghall-provi kollha hemm prodotti, u filwaqt illi tirriserva d-dritt illi tipproduci xhieda u provi ohra ammessi fil-Ligi, titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-Sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta’ Ottubru 1999 fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi, billi tichad l-eccezzjonijiet ta’ l-istess konvenut, tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara lill-istess konvenut unikament responsabbli ghall-incident *de quo,* u konsegwentement tikkundannah illi jhallas id-danni relattivi rizultanti lill-istess attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess Paul Zahra;

Rat ir-risposti taz-zewg partijiet ghar-rikorsi ta' l-Appelli imsemmija;

Semghet lid-difensuri tal-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkonsidrat:-

Illi din il-kawza tikkoncerna incident awtomobilistiku li gara f'Marzu 1996 gewwa l-Iklin fi Triq Geronimo Abos fil-punt fejn f'din it-triq tisbokka Triq Censu Bugeja; is-socjeta` attrici hija l-assiguratrici ta' Anne Farrugia li kienet hierga minn Triq Censu Bugeja, waqt li l-konvenut kien niezel minn Triq Geronimo Abos;

Illi s-socjeta` attrici resqet biss bhala xhud lir-rapprezentant taghha li naturalment ma seta' jghid xejn dwar l-incident innifsu u la resqet is-sewwieqa tal-vettura minnhom assigurata u lanqas resqet ebda xhieda ohra;

Illi fil-process gie wkoll esebit *sketch* ta' l-incident u l-okkorrenza relattiva tal-pulizija li nvestigaw il-kaz; oltre dan fl-atti jirrizulta wkoll affidavit tal-konvenut Paul Zahra;

Illi l-konvenut kien korrett fir-rikors ta' l-appell tieghu meta ssottometta illi l-partijiet ghandhom iressqu l-ahjar prova u li kien jinkombi fuq l-attur li jipprova t-tezi tieghu; l-attur ghandu bhal kull parti ohra isofri l-konsegwenzi ta' kull nuqqas tieghu fil-produzzjoni tax-xhieda li jista' jkollu;

Illi n-nuqqas ta' l-attur illi jressaq l-ahjar prova in sostenn tat-tezi tieghu, ifisser li l-

Qorti ghandha tiddeciedi l-kawza fuq il-provi li jkunu tressqu quddiemha; f'dan il-kaz il-Qorti kellha toqghod proprju fuq ix-xhieda ta' l-istess konvenut u fuq id-dokumenti esebiti;

Illi minn dawn jirrizulta b'mod car illi l-konvenut kien ghaddej minn Triq Geronimo Abos meta sab triqtu ostakolata minn karozza wieqfa quddiemu fl-istess direzzjoni; hu stqarr li ghalhekk kien kostrett johrog minn naha tieghu tat-triq u jissupera l-karozza li kienet wieqfa;

Illi ghalkemm il-konvenut ma indikax il-kejlijiet relattivi, l-i*sketch* esebit a fol. 51 tal-process juri li fil-manuvra li l-konvenut spjega li kien kostrett jaghmel biex jissupera l-vettura wieqfa, huwa kien hareg kompletament minn naha tieghu tat-triq u dan ghalkemm jidher li din it-triq hija ta' certu wisgha u li ghandha tippermetti sorpass simili;

Illi l-konfigurazzjoni tal-vetturi viz-a-viz it-toroq ghandha tikkonferma dak li xehed Francis Paul Ebejer, rapprezentant tas-socjeta` attrici, meta fl-affidavit tieghu huwa xehed li s-sewwieq tal-vettura minnhom assigurata (Anne Farrugia) "*kienet qaltilna illi fin-naha tax-xellug taghha kien hemm karozza pparkjata illi kienet qed tostakolalha l-vista*"; dan jispjega ahjar id-dinamika ta' l-incident;

Illi din il-Qorti taqbel li l-imsemmija Anne Farrugia naqset meta hija harget minn gewwa *side street* wara li ssuperat l-i*stop sign* li kien hemm ftit qabel il-kantuniera; jidher pero` li kienet harget madwar hmistax-il pied minn dan is-sinjal

meta grat il-habta mal-konvenut; l-i*spot of impact* kien ferm 'il gewwa mic-centru tat-triq u ghalhekk kif gustament osservat l-Ewwel Qorti, il-posizzjoni tal-vettura tal-konvenut fit-triq ikkontribwiet ghas-sinistru;

Illi waqt li Anne Farrugia kellha l-obbligu li toqghod aktar attenta qabel tipprova tissupera l-ostakolu viziv li kellha minn karozza pparkjata fil-kantuniera, il-konvenut "*kellu obbligu li jaghmel 'il-manuvra ta' sorpass', b'certa prudenza u wkoll jaghti preavviz, anke bl-uzu tad-daqq tal-horn tal-presenza tieghu. F'dan ir-rigward jidher li l-konvenut naqas kompletament.*";

Illi meta jigu mwiezna c-cirkostanzi kollha ta' l-incident *de quo*, din il-Qorti taqbel ma' l-ewwel sentenza li z-zewg sewwieqa kkontribwew ghall-habta in kwistjoni u dan fi gradi ugwali.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tichad iz-zewg appelli ntavolati mill-kontendenti u tikkonferma s-Sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Ottubru 1999.

L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

Deputat Registratur